MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSEPH MIFSUD

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2015

Numru. 489/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Anton Caruana**
**Tarcisia Haber**
**John Haber**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Anton Caruana**, bin Joseph u Josephine nee' Debrincat, imwieled fl-4 ta' Awwissu 1954, residenti fil-fond Emerald, Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 41654(G), **Tarcisia Haber**, bint Joseph Caruana u Josephine nee' Debrincat, imwielda fit-22 ta' Frar 1951, residenti fil-fond numru 25, Triq Fortunato Mizzi, Rabat, Ghawdex, **John Haber**, bin Peter Paul u Martina nee' Borg, imwieled fis-6 ta' Awwissu 1954, residenti fil-fond numru 25, Triq Fortunato

Mizzi, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 71345(G):

Akkuzati talli nhar l-20 ta' Settembru 2014 ghall-habta ta' 14:30hrs f'Marsalforn, Zebbug, Ghawdex:

1. bla hsieb li jisirqu jeqw jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jerzercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, bl-awtorita' taghhom infushom fixklu lil Spiridiona Camilleri fil-pussess ta' hwejjigha u b'mod iehor kontra l-ligi ndahlu fil-proprjeta' tal-istess Spiridiona Camilleri billi wahhlu njama mat-tieqa li mill-fond tal-istess Camilleri li hu 48, Triq Marina, Marsalforn, Zebbug, gestit bhala restaurant bl-isem ta' 'Pennellu', taghti ghal fuq il-fond taghhom, u ta' terzi persuni, liema fond huwa bla numru ufficjali, fi Triq Ulisse, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha nkluz id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) **Pulizija vs Spiridiona Camilleri** tal-4 ta' Marzu 2014 u d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali **Pulizija vs Spiridiona Camilleri** deciza fl-1 ta' Settembru 2014 mill-Prim Imhallef Silvio Camilleri.

Semghet il-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni u mill- kwerelanta.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati tressqet quddiem din il-Qorti fuq ir-reat ta' *ragion fattasi.*

Illi jirrizulta li l-kawza tikkoncerna tieqa li hemm bejn zewg btiehi ta' zewg propretajiet differenti: wahda mill-btiehi tappartjeni lill-imputati u huthom u l-ohra hija tal-fond fejn hemm il- hanut tal-kwerelanta. It-tieqa ma jirrizultax li kien qed isir uzu minnha tant li quddiem it-tieqa, fil-propjeta' tal-imputati hemm *shower.*

Dak li jirrizulta mill-provi hu li jidher li t-tieqa jew apertura fil-hajt ta' bejn iz-zewg fondi dak tal-imputati u l-iehor tal-kwerelanta kienet gia tezisti snin ilu. Fix-xiehda taghha Maria Vella ddikjarat li l-ahwa gia sa minn dak inhar dik l-apertura fil-hajt kienet imbarra. Dan jidher konfortat minn ritratt Dok. MV1, li

juri t-tieqa fil-hajt u li tidher imbarrata peress li ma hemmx dawl hiereg mill-istess tieqa. Jidher ukoll fl-istess ritratt li fil-fond tal-imputati precizament quddiem l-apertura ta’ bejn iz-zewg fondi, hemm *shower i*nstallat.

Dan is-*shower* jidher ukoll fir-ritratt esebit aktar rmill-kwerelanta Spiridiona Camilleri bhala Dok.SC15 waqt ix-xiehda taghha fit-3 ta’ Narzu 2015.

Il-kwerelanta minn naha taghha, tallega li kemm ilha propjetarja tal-fond, t-tieqa minn dejjem kienet miftuha u li l-ewwel darba li giet imbarrata mill-imputati kien fl-2013.

**Ikkonsidrat**

Ghalkemm verament jista' idher li hemm konflitt fil-provi jew ahjar verzjonijiet differenti, kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**” [9.7.2003]:-

*“...mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f’ kaz ta’ konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il- kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f’ hix ser temmnu jew ma temmnux.”*

*637. L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta’ min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta’ fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

*638. (1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.*

*(2) B’dan kollu, f’kull każ, ix-xiehda ta’ xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

**Ikkunsidrat**

Skond sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija vs John Dimech** deciza nhar l-24 ta' Gunju 1961 *"id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat- tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l- pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu".*

L-erba' elementi kostituttivi tar-raggion fattasi skond is- sentenza moghtija nhar it-30 ta' Settembru 1996 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija vs Emmauel Muscat** et huma erbgha u cioe:

*1."l-att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizjoni espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor.*

*2. Il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt.*

*3. Il-koxjenza tal-agent li hu jkun qieghed jghamel de privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika; u 4. Nuqqas ta' titolu li jrendi il-fatt aktar gravi."*

Effettivament jidher car bl-artikolu msemmi, li l-Ligi trid tipprotegi l-istatus quo kontra min jiehu l-Ligi b'idejh, indipendentement minn jekk l-aggressur jew il-vittma jkollux dritt jew le.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija vs Eileen Said** deciza nhar id-19 ta' Gunju 2003 fejn gie enfasizzat li *"element kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija taghha."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta l-appelli kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija ve Alfred Garroni** deciza nhar l-10 ta' Jannar 1983 fejn inghad is-segwenti meta l-Qorti ghamlet referenza ghall-awtur Taljan Maino *"la massima via vi repellere licet non e soltanto appplicabile alla*

*repulse delle offese personali essa si estende a qualunque repulse di ingiusto attacco alla proprieta, quando la difesa si eserciti entro I limiti del moderame."*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Prim'Awla Civili tat-8 ta' Lulju, 2015 Cit. Num. 1326/2010JA **Arcidiacono Limited u Boris Arcidiacono Limited vs Kunsill Lokali Msida et.**

*"Il-Qorti tibda biex tgħid li s-soċjeta' attriċi kienet kif jingħad bl- Ingliż u se tittraduċi l-Qorti 'ekonomika mas-sewwa' fir-rikors promotur tagħha. Li ġara kien li f'xi żmien hija ddeċidiet li tagħmel xogħol ta' tisbieħ tal-faċċata tagħha, kif kellha kull dritt li tagħmel, u biex tagħmel dan talbet il-permess li tneħħi l-lampa in kwistjoni li kienet ilha hemm għexieren ta' snin skond kif jirriżulta ampjament mill-provi. Jirriżulta li meta sar dan ix-xogħol is-sidien tas-soċjeta' attriċi approfittaw ruħhom minn din is-sitwazzjoni u ma reġgħux waħħlu l-lampa għaliex evidentement kienet qed iddejjaqhom. Kien dan li wassal lill-Kunsill konvenut jinkariga lis- soċjeta' Nexos terġa' twaħħal lampa fejn kienet qabel (naturalment mhux l-istess lampa iżda waħda ġdida) wara li ottjeniet il-permess tal-Korporazzjoni konvenuta. Dan ma jikkostitwixxi ebda spoll; l-azzjoni ta' spoll hija ntiża għal kontra min jikser l-ordni pubblika u mhux kontra awtorita' lokali li tagħmel dmirha meta terga' tirripristina d-dawl fi triq prinċipali għall-benefiċċju tar-residenti u ta' min jgħaddi minn dik it-triq. Dan ma jfissirx li awtorita' pubblika, tkun min tkun, ma tistax tkun responsabbli għal spoll, iżda dan ċertament ma japplikax għall-każ in eżami.*

*Illi oltre dan anke jekk wiehed jasal biex jgħid li kif irreaġixxa l- Kunsill jikkostitwixxi spoll (li l-Qorti jidhrilha li mhux il-każ), dan għamlu biex ipatti għall-ispoll kommess mill-istess attriċi meta qalgħet il-lampa u ma reġgħetx poġġietha f'postha. Infatti f'każ bħal dan japplika l-prinċipju 'vim vi ripellere licet'; fuq dan l- aspett, il-Qorti tal-Appell fil-kawża "Camilleri vs Bonello" (deċiża fil-5 t'Ottubru 1998) iċċitat sentenza antika (Vol XXIV pt 1 pagna 281) illi rriteniet illi:*

*"Dell' altro canto chi rimuove ostacoli trovati el passaggio ale proprie terre per apririvi l' accesso che prima possedeva non fa' atto violento, ne' commette spoglio, ne' si fa' giustizia da se ma esercita il su diritto entro i limiti del suo possesso, o meglio, afferma e continua il proprio possesso di cui era in godimento legittimo che fu turbato da chi ha posto quegli ostacoli."*

*Illi l-Qorti mbagħad qalet li dan naturalment japplika a contrario senso. Din il-Qorti tħoss li dan il-bran appena ċitat jista' japplika perfettament għall-każ in eżami."*

Il-Qorti tinnota li fil-kaz in ezami l-imputati ghamlu dak li ghamlu biex ipattu ghall-ispoll kommess mill-istess kwerelanta, liema spoll kien ikkonfermat li sar sahansittra bid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-1 ta' Settembru 2014 Il-**Pulizija vs Spiridiona Camilleri**.

*"Din il-Qorti tistqarr mill-ewwel li hi perswaza li l-apertura fil-hajt in kwistjoni kienet ilha imbarrata snin twal qabel l-ahhar incident ta' Settembru 2013 mertu tal- imputazzjoni. Ix-xiehda tal-ahwa Caruana hi konfortata bil-fatt li, kif sabet l-ewwel Qorti, l-istess apertura ma kienx qieghed isir uzu minnha kif jixhed ix-shower li kien ilu fil-post fil-bitha in-naha tal-familja Caruana precizament quddiem l-apertura in kwistjoni liema shower irrizulta li kien jintuza minn min kien jokkupa l-fond tal-ahwa Caruana. Fid-data tal-incident mertu tal-imputazzjoni dan ix-shower kien ghadu ezistenti fil-pozizzjoni li kien tal-anqas fl-1994. L-appellanti rrilevat li fix-xiehda taghha x-xhud Haber semmiet li l-ghata originali kienet tnehhiet xi sena jew sentejn qabel l- incident mertu tal-imputazzjoni. Dak li ma ssemmix l-appellanti hu li fl-istess xiehda, minnufih qabel fejn issemmi li l-ghata tnehhiet sena jew sentejn qabel, fuq domanda tad-difiza dwar meta l-ghata tnehhiet l-ewwel darba, Haber xehdet ukoll li "Ahna, meta kienet ilha hemm hafna..." u hawn giet imwaqqfa hesrem mill-avukat difensur tal-imputata4. L-istess Haber ziedet ukoll li dakinhar li ndunaw li tnehhiet l-ghata huma regghu mbarraw l-apertura u ghamlu kollox kif kien qabel. Irrizulta wkoll li l- ghata kienet originarjament tkun tal-injam izda wara li din tnehhiet diversi drabi mill- appellanti giet sostitwita b'wahda taz-zingu. L-appellanti xehdet li rrapportat lill- pulizija it-tnehhija tal-ghata biss meta din saret taz-zingu izda ma rraportatx lill- pulizija f'dawk il-kazijiet li l-ghata kienet tkun tal-injam. Ma hux verosimili li l-imputata appellanti ma tirrappurtax lill-pulizija t-tnehhija ta' ghata, anki jekk tal-injam, li l- appellanti kienet tirritjeni li qatt ma kienet hemm qabel meta tghid li tant kienet herqana li tippreserva d-drittijiet taghha.*

*Irrizulta li fid-data tal-incident mertu tal-imputazzjoni kienu l-ahwa Caruana li kellhom il-pussess tal-ghata tal-apertura in kwistjoni liema ghata kienet tinsab fil- proprjeta' taghhom. Fid-data tal-incident l-imputata spoljat lill-ahwa Caruana minn dak il-pussess u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-principju ta' vim vi repellere ma jsibx applikazzjoni. L-appellanti tilmenta li ma jistax ikun dak konkluz mill-ewwel qorti li l- ghata tnehhiet billi l-appellanta nizlet fil-bitha proprjeta' tal-ahwa Caruana. Din il-Qorti tistqarr li ma hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti dwar din ic-cirkostanza. Fi kwalunkwe kaz, anki jekk it-tnehhija tal-ghata saret, kif tghid l-appellanti, billi mill-fond taghha sfrondat l-ghata li kien hemm fil-bitha tal-ahwa Caruana dan xorta jammonta ghal dik l-interferenza fil-pussess ta' hwejjeg haddiehor li l-ligi trid tissoprimi. Irrizulta wkoll li din l-interferenza saret kontra l- oppozizzjoni espressa jew presunta tal-ispoljat, bil-kredenza li l-att spoljattiv kien qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt, u bil-koxxjenza li l-ghemil kien qieghed isir di privato braccio dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika u fin-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. Ghalhekk l-elementi kollha tar-reat imputat lill-appellanti gew sodisfacentement pruvati skont il-ligi."*

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjoni.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------